EUROPA TOURS

7 t'ijiem

# Grand Holland Tour

*With a touch of Belgium*

**A: 14 - 20 ta' Lulju** **B: 25 – 31 t'Awwissu**

**Rotterdam, Amsterdam, Kinderdijk, Marken, Volendam, Delft, The Hague, Zaans Schans , Eftelling Theme Park , Antwerp...**

## It-Tlieta

Niltaqgħu l-ajruport internazzjonali ta' Malta fil-09.30 sabiex nagħmlu check in għat-titjira KM395 li titlaq fit-11.50 u tasal **Amsterdam** Schiphol fil-14.55. Mal wasla tagħna f'Schiphol airport, transfer lejn **Rotterdam** fejn l-akkomodazzjoni ser tkun ġewwa l-**Holiday inn express 4 stars** li qeda fiċ-ċentru. Check in u wara ħarġa mal leader biex nibdew nesploraw iċ-centru ta Rotterdam.

## L-Erbgħa

Wara l-buffet breakfast, ikollna eskursjoni għal **Marken u Volendam**. Illum ser inkunu f'kampanja tipika **Olandiża**, fejn apparti li nżuru dawn iż-żewġ villaġġi tas-sajjieda, ikollna wkoll l-opportunita' li nżuru l-villaġġ ta' **Zaanse Schans** li jinsab fuq ix-**xmara Zaan**, magħruf għall-**windmills**, kif ukoll razzett tipiku fejn il-ġobon għadu jiġi pproċessat b'mod tipiku u anke l-manifattura tal-famużi żraben Olandiżi, **il-Clogs**. Nirritornaw lura l-hotel. Filgħaxija ħarġa mal-leader saċ-ċentru tal-belt.

## Il-Ħamis

Illum ser inżuru il- belt sabieħa ta' **Antwerp** li tinsab ġewwa il- Belgium.Jkollna city tour biex ingawdu postijiet ta'nteress bħal monumenti ewlenin u l-pjazza ewlenija ta' Groenplaats, katidral Onze-Lieve-Vrouwekathedraal u l-istatwa tal-artist Rubens, sqaqien u knejjes Gotiċi, flimkien mal-fdalijiet tal-ħitan tal-ġebel tal-qedem u l-Grote Markt (Pjazza tas-Suq il-Kbir). Nkomplu lejn l-imtieħen fl-Olanda, **Kinderdijk** li hu iddikjarat bħala wirt patrimonjali mill-UNESCO. Imkien fid-dinja ma'ssib numru ta' imtieħen daqs kemm hawn f'dan il-villaġġ. Min irid jista' jieħu boat trip madwar il-kanal (extra).

## Il-Ġimgħa

Eskursjoni ta' nofs ta' nhar fejn nżuru **Alkmaar** sabiex nassistu għall-famuż suq tal-ġobon. Nies lebsin kostumi tradizzjonali jġorru l-ġobon fuq speċi ta' karettuni apposta għall-bejgħ tal-ġobon joħolqu spettaklu mhux tas-soltu fil-pjazza prinċipali ta' din il-belt. Ikollna ħin liberu għax-xiri ta' souvenirs u wara nirritornaw lura lejn Rotterdam fejn ikollna ħin liberu biex tkomplu tesploraw iċ-ċentru tal- belt.




**EUROPA TOURS**

## Is-Sibt

Illum ngawdu jum sħiħ fin-naħa t'isfel tal-Olanda. Nibdew b'waqfa ġewwa **Delft,** li hija magħrufa għall-fuħħar tagħha. Nagħmlu anke żjara ġo fabbrika żgħira fejn jinħadem il-fuħħar bl-idejn. Ftit ħin liberu u wara nkomplu bil-vjaġġ tagħna lejn **Madurodam** (dħul extra), park b'differenza fejn naraw għadd ta' postijiet u binjiet magħrufa fl-Olanda magħmulin fuq skala żgħira. L-aħħar waqfa tagħna tkun ġewwa **The Hague** – fejn inkunu nistgħu naraw il-Binnerhof li huwa l-post fejn jiltaqa' l-Parlament Olandiż. Nirritornaw lura Rotterdam

## Il- Ħadd

Illum ġurnata libera iżda għal min irid ser norganizzaw ġurnata sħiħa f' '**Efteling Theme Park'** tal-Olanda, (Transport & Entrance Fee mhux inkluża)post ta' divertiment għat-tfal kif ukoll għall-kbar. Hawn insibu roller coasters, Top Spin, Pirate Ship, Magic Bowl u għall-familja nsibu Trackless Train, Ocean Self Control Plane, W-Wave Flying Boots u bosta logħob ieħor u shows għal kulħadd. Dawn kollha jagħmlu din il-ġurnata waħda memorabbli għal kulhadd. Nirritornaw lura lejn il-lukanda.

## It-Tnejn

Breakfast u wara tluq lejn iċ-ċentru ta'Amsterdam. Dawra mal leader biex naraw postijiet ta'nteress bħan National Monument, Rembrandt Square, Dam Square u oħrajn. ħin liberu, wara Inkomplu lejn **Schiphol Airport** fejn nagħmlu check-in għat-titjira KM387 li ttir fil-17:55 u tasal Malta fit-21:00

## Prezz kull persuna

| Eskursjonijiet u Taxxi mħallsa | Prezz Skontat |
|---|---|
| Kamra żewġ persuni | €1025 |
| Kamra ta'Persuna weħida | €1300 |
| Tfal sa 11-il sena f' kamra ma' żewġ adulti | €970 |

## Prezz jinkludi

Titjira mal-KM Malta Air għal Amsterdam
Transfers u eskursjonijiet skont il-programm (entraturi, boats etċ mhux inklużi)
6 iljieli – Holiday Inn Express Rotterdan 4 - Star
Kmamar b'arja kkondizzjonata
Breakfast Buffet kontinentali
Taxxi tal-ajruport
Tour Leader
Insolvency Protection

## Prezz ma jinkludiex:

City Tax
Kull tip ta' entratura, cable cars, boat trips, trains etc



